# In-Naxxar fit-Tieni Gwerra Dinjija minn perspettiva differenti

**Romina Powell**



Il-poplu Malti għadda minn ħafna tbatijiet u bosta ħakkiema. Wieħed mill-agħar avvenimenti li ħafna mill-anzjani tagħna għadhom isemmu sal-lum kienet it-Tieni Gwerra Dinija. Meta wieħed iqalleb fil-kotba tal-istorja li jirrakuntaw b'dettalji preċiżi ta' x'ġara f'din il-gwerra, isemmu ħafna lill-protagonisti prinċipali aktar milli n-nies komuni. Dawn kienu mdaħħla fl-istampa bla ma riedu u kienu l-iktar fost li sofrew, wara s-suldati li ġġieldu fil-battalji. L-iskop ta' dan l-artiklu mhux li jinċensa lill-kbarat li isimhom jissemma kemm-il darba fil-kotba imma lil dawn in-nies komuni li kienu preżenti fil-ġrajja u huma xhieda ħajja ta' x'ġara fil-passat.

Jien tkellimt mal-familja Vassallo, li għexu ħajjithom kollha fin-Naxxar u din il-ġrajja jiftakruha sew. F'dak iż-żmien huma kienu għadhom tfal, b'hekk huma ma kinux jifhmu l-gravità tas-sitwazzjoni, għalihom pjuttost kienet avventura. It-Tieni Gwerra Dinija faqqgħet fl-Ewropa f'Settembru 1939, meta Hitler, id-dittattur Ġermaniż invada l-Belġju. Fl-1940 inqgħaqdet l-Italja mal-Ġermanja. Mussolini, dittatur Taljan, iddikjara li Malta hija *irridenta* – mhux ħielsa – minħabba li kienet immexxija mill-Ingliżi u b'hekk bdew l-ewwel attakki fuq Malta. L-ewwel *air raid warning* instema' fis-7.00 ta' filgħodu fin-Naxxar. Din kienet bħal sajjetta fil-bnazzi, Malta ma kinitx ippreparata għall-gwerra, xelters ma kinux jeżistu. Fil-passat, qabel l-aħħar Gwerra Dinija, il-gwerer għal Malta kienu jfissru żmien ta' ġid u xogħol. Sakemm tħaffru x-xelters pubbliċi kienu jżuru d-djar l-uffiċjali tal-Gvern u jgħidu lil dik il-familja fejn għandhom jistkennu. Normalment, il-parir kien ikun li jieħdu kenn taħt it-taraġ jew taħt xi mejda li kienu jqisuha soda. Fortunatament l-attakki tat-Taljani ma kinux jinżlu fil-baxx b'hekk ħsara minima kienet issir fuq il-bini. L-agħar attakki kienu tal-Ġermaniżi. L-ajruplani tagħhom kienu jinżlu fil-baxx ħafna b' hekk il-mira kienet tkun aktar preċiża u l-ħsara tiżdied.

Kien hemm ħafna ordnijiet mill-awtorjitajiet Ingliżi li l-Maltin riedu jimxu fuqhom. Waħda minnhom kienet li ma jitħalliex dawl jixgħel billejl, jew minflok, wieħed seta' jgħatti t-twieqi u l-ħġieġ kollhu b'karti jew kartun skur. Ir-raġuni għal dan kienet li jekk jgħaddu l-ajruplani fl-għoli ma jindunawx li hemm hemm l-art u jibqgħu għaddejjin. Infatti l-missier ta' din il-familja kien wieħed minn dawk l-uffiċjali imqabbad mill-Awtoritajiet Ingliżi biex idur mat-toroq tal-viċinanzi biex jara li ħadd m'għandu dawl jidher. Barra minn dan ix-xogħol kellu xogħol ieħor li jara li tinżamm ordni meta jdoqq *air raid warning* u n-nies ikunu jridu jidħlu fix-xelter. Dan għaliex kif wieħed jista' jimmaġina, malli tindaqq is-sirena kulħadd kien imur jiġri għall-eqreb xelter li jsib. Kull xelter kien ikollu żewġ bokok, biex jekk waħda tintradam, in-nies ma jispiċċawx midfuna fix-xelter. Għalhekk kien hemm bżonn li tinżamm l-ordni biex dawn jidħlu fix-xelter mingħajr ħafna imbuttar u paniku. In-norma kienet li kulħadd ikun allokat post f'xelter pubbliku li jkun l-eqreb ħdejn daru, iżda peress li x-xelters damu xi ftit biex tħaffru ħafna familji kienu jispiċċaw maqsuma bejn żewġ xelters jew aktar. Il-maġġoranza tax-xelters kienu pubbliċi iżda kien hemm xi ftit nies li kien ikollhom biżżejjed riżorsi li jħaffru xi xelter privat jew minflok iħaffru karma privata fix-xelter pubbliku. *Air raids* ġieli kienu jdumu ġranet sħaħ għaddejjin kontinwament. Ġieli ġara wkoll li tindaqq serena biex turi li l-*air raid* ikun għadda u wara ftit tinstema' oħra li turi li ġej *air raid* ieħor. Fix-xelters kienu jniżżlu magħhom banketti biex ipoġġu bilqiegħda u jistennew sakemm jgħaddi kollox. Kien ikun hemm drabi fejn kienu jniżżlu magħhom il-mitraħ. Dan kien ikun saqqu żgħir li setgħu jġorruh biex jorqdu fuqu. Kull xelter kien ikollu l-kruċċetti, dawn kienu sodod tal-injam u li jkunu magħmula fuq xulxin. Wieħed lanqas jista' jibda jimmaġina minn liema tbatija għaddew missirijietna f'dawn żminijiet. Minħabba l-fatt li kien hemm ħafna nies fi spazju magħluq għal ħinijiet twal, kien iwassal għal nuqqas t'iġene. Waħda mill-mard li kien assoċjat ħafna max-xelters

kienet l-Iscables. Il-persuna infettata minn din il-marda kienet tibda tħokk ħafna u l-unika soluzzjoni kienet tkun ingwent li kienu jgħidulu tal-kubrit għax kien isfar f'lewnu u li biex tieħdu jridu jiġu tas-senità jduru x-xelter.

Il-ħajja kellha tkompli normali, xorta n-nies kienu jmorru għax-xogħol, iżda l-iskejjel ingħalqu għax kienu ta' periklu għal dawk it-tfal li kienu jattendu. L-Iskola tan-Naxxar, li minn taħtha kien għaddej xelter, inbidlet f'għassa tal-pulizija. Għalkemm kien hemm nies li kellhom il-flus għax il-paga xorta baqgħet dieħla kienet qed tkun ta' problema biex isibu jixtru l-ikel minħabba li kollox kien skars. B'hekk il-ġuħ beda jikber. Kien hemm xi wħud li kienu jixtru mill-*black market* oġġetti tal-ikel, iżda kien hemm oħrajn li ma kinux jaffordjaw jagħmlu dan. B' hekk infetħu l-*Victory Kitchens.* Dawn kienu postijiet fejn nies imħallsin mill-awtoritajiet Ingliżi kienu jsajru għall-belt jew raħal tagħhom kollu. Ġieli kont issib iktar minn kċina waħda fl-istess raħal, skont il-kobor tal-popolazzjoni ta' dak il-post. Ir-raħħala kienu jmorru bil-borom vojta u bil-biljett li juri kemm qegħdin membri f'dik il-familja. Kienu jingħataw biżżejjed ikel kemm jitrejqu, ħela ma kienx ikun hemm. Ħafna drabi jekk dawn ikollhom xi kelb id-dar riedu jtuh mill-platti tagħhom stess.

Ħaġa interessanti kienet li għall-kuntrarju ta' dak li kien qed jiġri fl-ibliet f'dan il-perjodu, il-popolazzjoni tal-irħula waqt il-gwerra żdiedet. Dan għaliex ħafna familji ġew evakwati mill-inħawi tal-Birgu, Bormla u l-Isla minħabba l-attakki intensivi li sofrew u bdew jitpoġġew fi djar ma' familji oħra fl-irħula. Dan il-fenomenu seħħ ukoll fin-Naxxar. Spetturi kienu jduru d-djar, jekk jaraw li hemm kobor biżżejjed, kienu jordnaw lil dik il-familja li trid iddaħħal familja oħra magħha. L-ewwel reazzjonijiet tas-sidien tad-dar kienu jkunu ta' biża'. Dawn ma kinux jafuhom, u għalkemm kienu Maltin kellhom mentalità differenti. Kienu jżommuha iktar mir-raħħala. Iżda maż-żmien is-sitwazzjoni kienet indrat, tant li ħafna minn dawk ir-refuġjati li telgħu fin-Naxxar matul il-Gwerra baqgħu jgħixu hemm. Wieħed jista' jgħid li kienu qishom saru familja waħda.

Meta tisma' r-rakkonti minn fomm l-anzjani li għexu din il-ġrajja tinduna x'nostalġija jħossu. Ħaġa li dejjem isostnu fuqha hija li dak iż-żmien kien ta' tbatija kbira għalihom. Kumditajiet ma kellhomx u l-ftit li kellhom kien hemm min tilifhom ukoll. Ħaġa diffiċli nimmaġinawna f'dik is-sitwazzjoni llum. Għalhekk għandna nitolbu dejjem lil Ommna Marija Bambina biex il-paċi ssaltan fid-dinja u dejjem iżżommna 'l bogħod minn diżastri oħra globali. Minn qalbi nixtieq nawgura n-Naxxarin kollha l-festa t-tajba speċjalment lill-familja Vassallo li l-ġrajjiet u rrakkonti tagħhom kienu s-sors biex jinkiteb dan l-artiklu.



**Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ħierġa mill-knisja waqt iż-żmien tal-Gwerra (1942/43)**
**(Sors: http://www.killifish.f9.co.uk/Malta%20WWII/Naxxar_Palace.htm)**